A.L. 86 ta' l-1989

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI

(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Inġinerija Mekkanika (Bl-Unuri)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 29 ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga r-Regolamenti li ġejjin magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att:—

Titolu fil-Qosor

Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu Regolamenti għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Inġinerija Elettrika (Bl-Unuri) u għandhom japplikaw biss għall-korsijiet li bdew qabel Ottubru ta' l-1988.

Id-Dħul

1. Biex ikun jista' jidħol għall-grad ta' Baċillier ta' l-Inġinerija Elettrika (bl-Unuri) kandidat irid:

(i) jaqbel mal-provvedimenti tat-Taqsima 37 ta' l-Att ta' l-Edukazzjoni 1974;

(ii) jissodisfa l-Kwalifiki tad-Dħul skond ir-regolament 3 hawn isfel;

u

(iii) itemm il-kors ta' l-istudji kif hawn imniżżel f'dawn ir-regolamenti u jikkwalifika fl-Eżamijiet.

It-Tul tal-Kors

2. Il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-grad ta' Baċillier ta' l-Inġinerija Elettrika jinfirex fuq ħames snin, u hu magħmul minn ħames semestri akkademiċi li ma jdumux aktar minn sitt xhur u li jalternaw ma' ħames semestri ta' xogħol li ma jdumux aktar minn sitt xhur.

Il-Kwalifiki għad-Dħul

3. Kandidat jista' japplika għad-dħul fil-Kors ta' l-Inġinerija Elettrika jekk ikollu:

1. A. Tliet ċertifikati fil-Livell Avanzat, jew ekwivalenti:

(i) fil-Matematika,

(ii) fil-Fiżika, u

(iii) *jew* suġġett ieħor mil-Lista tas-suġġetti approvati;

jew

Diploma ta' Tekniku Ordinarju tas-'City and Guilds of London Institute', kors nru. 800 fl-Inġinerija Mekkanika u Elettrika;

jew

Iċ-Ċertifikat tar-Raba' Sena tal-'Fellenberg Training Centre';

jew

Iċ-Ċertifikat Teknoloġiku Sħiħ tas-'City and Guilds of London Insititute, korsijiet nri. 271, 281 jew 803 fit-Telekomunikazzjoni jew fl-Inġinerija Elettrika.

JEW

B. (i) Ċertifikat fil-Livell Avanzat, jew ekwivalenti, fil-Fiżika.

(ii) Diploma ta' Tekniku Ogħla tas-'City and Guilds of London Institute', kors nru. 800 fl-Inġinerija Elettrika.

II. Erba' ċertifikati fil-Livell Ordinarju, jew ekwivalenti.

Is-suġġetti offruti jridu jinkludu:

(a) Il-Malti (Matrikola ta' Malta)

(b) Il-Lingwa Ingliża

(ċ) Għall-inqas wieħed minn dawn: l-Għarbi, il-Franċiż, il-Ġermaniz, it-Taljan

(d) Xi suġġett ieħor mil-lista approvata.

Il-Fakultà tivvaluta l-kwalifiki tal-kandidati li jridu jissodisfaw il-provvediment għad-dħul skond din is-sistema:

MARKI	CITY AND GUILDS	LIVELLI 'A'	FELLENBERG TRAINING CENTRE (IV SENA)
10 marki	H.T.D.		
5 marki		Grad A	
4 marki		Grad B	Distinzjoni
3 marki	O.T.D.	Grad Ċ	Għadda
2 marki	Full Tech.C	Grad D	
1 marka		Grad E	

Kandidat għall-inqas irid jikseb tmien marki biex ikun jista' jiġi kkunsidrat biex isegwi l-kors, bil-kundizzjoni li l-Gradi fil-Fiżika u fil-Matematika jkunu Grad 'D' jew aħjar.

(N.B. Ebda suġġett ma jista' jiġi offrut fil-Livelli 'A' u 'O' f'daqqa.)

Il-Kurrikulu tal-Kors

4. Is-suġġetti obbligatorji matul l-ewwel tliet semestri huma mibnija fuq suġġetti ta' l-Inġinerija Ġenerali/Inġinerija Elettrika u maħsuba biex jagħtu sisien sodi għall-ispeċjalizzazzjoni fi grupp fir-raba' u fil-ħames semestru.

L-EWWEL SENA (Semestru Akkademiku I)

Matematika I
Dinamika Termo-Fluwida
Xjenza tal-Materjali
Tpinġija ta'l-Inġinerija
Elettroteknoloġija
Qisien Elettriċi
Fiżika ta' l-Elettroni I
Daħla għall-Elettronika
Ekonomija
Soċjoloġija
Kitba ta' Rapport Tekniku

IT-TIENI SENA (Semestru Akkademiku II)

Matematika II
Teknoloġija Mekkanika
Elettronika
Teorija Elettrika
Fiżika ta' l-Elettroni II
Komunikazzjonijiet
Qawwiet u Magni Elettriċi

IT-TIELET SENA (Semestru Akkademiku III)

Matematika III
Elettronika
Materjali Elettriċi
Komunikazzjonijiet
Qawwiet u Magni Elettriċi
Teorija tal-Kontroll
Arkitettura tal-Komputer

IR-RABA' SENA (Semestru Akkademiku IV)

Matul ir-raba' sena l-istudenti jieħdu s-suġġetti obbligatorji flimkien ma' għażla ta' tliet suġġetti fakultativi oħra. Is-suġġetti fakultativi jkunu offruti mid-Dipartiment fuq il-bażi ta' minn sena għal oħra u jistgħu jinkludu lil dawk li huma mniżżla hawn isfel. Is-suġġetti fakultativi magħżula għandhom ikunu marbuta max-xogħol industrijali magħmul mill-istudenti. meta dan jista' jkun.

Suġġetti Obbligatorji: Matematika IV. Elettronika.

Suġġetti Fakultativi: Inġinerija tal-Kontroll I. Inġinerija tal-Qawwa Elettrika I. Inġinerija tas-Sistemi tal-Komunikazzjoni I. Inġinerija tas-Sistema tal-Komputer I. Il-Qawwa ta' l-Elettronika. Kull suġġett ieħor approvat mill-Bord tal-Fakultà.

IL-ĦAMES SENA (Semestru Akkademiku V)

Matul il-ħames sena. l-istudenti jieħdu żewġ suġġetti obbligatorji u żewġ suġġetti fakultativi. Barra minn dan. l-istudenti jagħmlu proġetti prattiċi mibnijin fuq ħtiġiet industrijali.

Suġġetti Obbligatorji: Management Industrijali. L-Inġinier fis-Soċjetà.

Suġġetti Fakultativi: Inġinerija tal-Kontroll II, Inġinerija tal-Qawwa Elettrika II, Inġinerija tas-Sistemi tal-Komunikazzjoni II, Inġinerija tas-Sistema tal-Komputer II, Temi Speċjali ta' l-Elettronika, L-Ultilizzazzjoni ta' l-Enerġija Elettrika, Kull suġġett ieħor approvat mill-Bord tal-Fakultà.

Proġett

Il-Valutazzjoni

5. Il-valutazzjoni tax-xogħol ta' student matul kull semestru akkademiku ssir b'valutazzjoni kontinwa u b'eżamijiet skond il-kriterji mwaqqfa mill-Bord tal-Fakultà. Il-valutazzjoni kontinwa tista' tieħu s-sura ta' sessjonijiet tutorjali, xogħol fil-laboratorju, 'assignments', testijiet, proġetti u kull xogħol ieħor li l-istudent hu mistenni li jagħmel matul is-semestru ta' l-istudju.

6. Isiru eżamijiet fi tmiem kull semestru akkademiku. Eżaminaturi Barranin ikunu inklużi fil-Bordijiet ta' l-Eżaminaturi fi tmiem is-semestri akkademiċi fit-Tielet, fir-Raba' u fil-Ħames sena.

Ir-Riżultati

7. Kull sena minbarra fis-Sena Finali, il-valutazzjonijiet tas-semestri akkademiċi jiġu konsolidati u jkunu ppubblikati bħala riżultat wieħed u gradati bħala A, B, C, D jew *Fail* (Weħel) għal kull student. Il-grad mogħti għal suġġetti differenti jkun jista' jingħata lill-istudenti jekk jitolbuh u dan konfidenzjalment.

8. Kandidati li jeħlu fl-aħħar sena tagħhom jistgħu jkunu eżaminati mill-ġdid fis-suġġett/suġġetti fejn jeħlu mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara tmiem is-semestrù akkademiku finali tagħhom. Il-kandidati jikkwalifikaw biex jingħataw il-grad meta jtemmu s-sena finali tagħhom b'suċċess.

9. Fil-każ ta' kandidati li jirrepetu sena jew huma eżaminati mill-ġdid fis-suġġett/ suġġetti tas-sena finali, il-marka rispettiva li titmexxa 'l quddiem għall-klassifikazzjoni finali tal-grad tkun il-marka minima ta' min igħaddi.

10. Il-klassifikazzjoni finali tal-Grad għal kull kandidat li jikkwalifika tinbena fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors u ppubblikati bħala riżultat wieħed f'dawn il-kategoriji: L-EWWEL KLASSI BL-UNURI, IT-TIENI KLASSI BL-UNURI (Taqsima Superjuri), IT-TIENI KLASSI BL-UNURI (Taqsima Inferjuri), IT-TIELET KLASSI BL-UNURI jew GĦADDA.

11. Minkejja l-provvedimenti tar-Regolament 2, għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, semestru akkademiku li jibda f'Ottubru 1987 jew wara jdum tmien xhur, ħlief fis-sena finali fejn idum ħames xhur.